# In-Nawfraġju ta' San Pawl fl-arti fil-parroċċa tal-Munxar

Aaron Attard Hili
© copyright 2005

*Il-qima lejn San Pawl f'Għawdex tmur lura għall-miġja ta' l-Appostlu tal-Ġnus fil-gżejjer Maltin, kif insibu fir-rakkont ta' San Luqa fl-Atti ta' l-Appostli* (28,1-10).

L-Atti *ta' l-Appostli jagħtina rakkont ħaj tal-ħelsien drammatiku mill-għarqa u tal-wasla fuq xtut Malta ta'* San Pawl *u tas-suldati, baħrin u priġunieri li kienu fuq il-ġifen. Il-miġja ta'* San Pawl *wasslet għall-konverżjoni tal-popolazzjoni tal-gżira għall-Kristjaneżmu.* Tradizzjoni *lokali tgħid li l-leħen ta'* San Pawl *instema' mix-Xewkija, u b'riżultat ikkonvertiet ukoll il-popolazzjoni tal-gżira* Għawdxija.[1] Tradizzjoni *oħra tgħid li saħansitra* San Pawl *niżel fil-bajja ta' Marsalforn* huwa u jsalpa *minn Malta għal Ruma.*[2]

F'Għawdex, *il-knejjes tal-Munxar u ta' Marsalforn* huma *ddedikati lin-nawfraġju ta'* San Pawl. *Ir-raħal żgħir tal-Munxar, li kien jagħmel parti mill-parroċċa ta'* Sannat, *ġie maqtugħ parroċċa għalih f'Diċembru* 1957 *mill-isqof t'Għawdex Mons. Ġużeppi Pace. Il-knisja ta' Marsalforn, li tħares fuq il-bajja tant popolari ta' l-istess post, għadha sal-lum knisja filjali li taqa' taħt il-ġurisdizzjoni tal-parroċċa tax-Xagħra.*

L-inizjattiva *sabiex il-knisja tal-Munxar tiġi dedikata lin-Nawfraġju ta'* San Pawl *ma hix ċara. Sa nofs seklu sew qabel it-twaqqif tal-parroċċa tal-Munxar, mill-arkivju ta' l-istess parroċċa nafu li l-Isqof t'Għawdex,* Giovanni Maria Camilleri, *inkariga lil* Dun Spir Gauci *bil-bini tal-knisja u li eventwalment inbniet fl-*1920. *Fl-arkivju tal-Kurja ta'* Għawdex *jeżistu talbiet mill-poplu tal-Munxar sabiex tinbena l-knisja preżenti.*[3] Dun Spir *għamel appell lin-nies tal-Munxar biex jagħmlu offerti b'risq il-proġett tal-knisja. Jidher li n-nies kkontribwew bil-kundizzjoni li l-knisja tiġi dedikata lil* San Pawl.[4]

Però, *saħansitra snin qabel ma nbniet il-knisja preżenti, jirriżulta li din ix-xewqa mhux minn dejjem kienet konsistenti fost il-poplu żgħir tal-Munxar. Infatti fl-arkivju tal-Kurja ta'* Għawdex *teżisti talba fis-sena* 1897 *iffirmata minn numru ta' Munxarin fejn talbu lill-Isqof sabiex il-knisja l-ġdida tiġi ddedikata lil* Ġesù *Nazzarenu.*[5] *F'dan ir-rigward wieħed irid iqis li l-kult lejn* Ġesù *Nazzarenu kien qawwi fost il-Kattoliċi madwar id-dinja u dan wara li l-*Papa *iddikkjara li s-seklu* 20 *għandu* jkun *iddedikat lin-Nazzarenu.*

*Normalment jiġri li l-għażla tal-qaddis titular tal-knisja ssir jew għax kienet eżistiet xi kappella fil-qrib bl-istess titular jew minħabba xi devozzjoni popolari tan-nies tal-post. Fil-każ tal-Munxar, id-dedikazzjoni tal-knisja lil* San Pawl *tista' tiġi attribwita lil skoperta ta' ċangatura tal-ġebel (għata ta' qabar?) tas-seklu erbatax fix-Xlendi fl-*1907. *Fuq din iċ-ċangatura kien* hemm *skolpiti żewġ altoriljievi ta'* San Pawl *u ta'* San Pietru.[6]

Tradizzjoni *oħra, u din* hija *assoċjata ma' żviluppi devozzjonali reliġjuzi f'*Għawdex, *tgħid*

li fis-snin Għoxrin, proprjament fl-1926, id-djoċesi ta' Għawdex bdiet tirrikonoxxi l-10 ta' Frar bħala festa pubblika.[7] F'din il-ġurnata l-poplu kellu josservaha billi ma jmurx għax-xogħol u jisma' l-quddies.[8] Barra minn dan, f'intervista li saret lill-iskultur Għawdxi Wistinu Camilleri, l-iskultur qal li Mons. Isqof Mikiel Gonzi xtaq li l-knisja tal-Munxar tkun iddedikata lil Missierna San Pawl sabiex jekk aktar 'il quddiem il-lokalità tal-Munxar tinqata' parroċċa għaliha tkun l-unika waħda iddedikata lil dan il-qaddis fil-gżira ta' Għawdex.[9]



Il-pittur Robert Caruana Dingli



Awtoritratt ta' Robert Caruana Dingli li jinsab fil-kwadru ta' San Nikola ta' Tolentino

## Pittura ta' San Pawl fil-knisja parrokkjali tal-Munxar

Dun Spir kellu familjarità kbira ma' l-iskultur u statwarju Għawdxi Wistin Camilleri, peress li Dun Spir kien jgħix fi Pjazza San Franġisk, tefgħa ta' ġebla 'l bogħod mill-ħanut tax-xogħol ta' Wistin fi Triq Għajn Qatet. Kien permezz tiegħu li l-pittur Robert Caruana Dingli (1882-1940) daħal fix-xena, peress li dan kien ħabib kbir ta' Wistin Camilleri.

Fl-Għoxrinijiet, Caruana Dingli kellu l-ħanut tax-xogħol fi Triq l-Arċisqof Pietru Pace[10]. Sa l-1927 il-knisja tal-Munxar kienu tuża pittura mislufa lilha mill-Franġiskani Konventwali bħala titular.[11] Għalhekk Dun Spir iddeċieda li jinkariga lil Caruana Dingli biex ipitter in-nawfraġju ta' San Pawl bħala titular tal-knisja.

Il-pittura tlestiet fl-1927, sitt snin wara li kien intemm il-bini tal-knisja. Fl-ewwel nofs ta' Frar ta' dik is-sena, l-artist tħallas is-somma ta' £30. Din is-somma inġabret billi £5 minnhom tħallsu mill-knisja u l-bqija minn benefatturi.[12] Żgur li wieħed minn dawn il-benefatturi kien Dun Spir Gauci, li ismu tnizzel fin-naħa t'isfel tal-kwadru titulari. Spejjeż oħra in konnessjoni mal-kwadru jikkonsistu f'xiri ta' erba' biċċiet ta' njam għall-gwarniċ minn Benedetto Tabone fit-8 ta' Ġunju, 1927[13] kif ukoll dekorazzjoni fl-induratura tal-gwarniċ mid-dekoratur Mikiel Fsadni, li tħallas fis-26 ta' Jannar 1936.[14]

Il-figura ta' San Pawl hija mnebbħa mill-istatwa titulari skolpita fl-injam mill-iskultur Melchiorre Cafà, li wieħed jista' jammira fil-knisja parrokkjali ddedikata lill-istess appostlu fil-belt Valletta. Il-figura tal-pittura titulari tgawdi l-istess imponenza għal dik ta' Cafà. Jikkumplimenta l-figura dominanti insibu ċorma nies maħsuda u mgħaġġba bil-mument ta' meta San Pawl, imdawwar b'żewġ suldati Rumani, farfar il-lifgħa minn ma' idu. Probabbli li kien minn dan il-mument li San Pawl fetaħ fommu u beda jitkellem fuq Alla mal-iltin preżenti[15] Fl-isfond ta' dan il-moviment wieħed għandu josserva għexieren ta' nies li jwasslu sa ħdejn il-baħar immewweġ b'grigalata qawwija li kienet il-kaġun li l-mirkeb li fuqu kien jinsab San Pawl fi triqtu lejn Ruma, inkalja ħdejn il-gżejjer 'il barra mix-Xemxija. Sabiex il-pittur Caruana Dingli jagħlaq l-effett fuq il-poplu, li l-episodju ta' l-inżul ta' San Pawl fuq l-art u l-messaġġ tiegħu ħalla fuqu, pitter puttin imtajjar iżomm parċmina bil-kliem 'Avdiervnt et



Il-pittur Ramiro Calì



Ta' min josserva li l-artist Caruana Dingli ħalla awtoritratt impitter fil-kwadru li jirrappreżenta San Nikola ta' Tolentinu. Dan il-kwadru jinsab fil-kappellun tal-Madonna taċ-Ċintura, proprjament fuq ix-xellug tal-kwadru taċ-Ċintura li tpitter mill-pittur Lazzaro Pisani. Fil-kwadru ta' San Nikola wieħed għandu jinnota lil Caruana Dingli flimkien ma' erwieħ oħra fir-rokna tal-lemin tal-parti t'isfel tal-kwadru.[17]

Il-knisja parrokkjali tal-Munxar għandha żewġ pitturi oħra dwar episodji ta' San Pawl f'Malta: waħda turi lill-



**Il-kwadri laterali tal-kor tal-parroċċa tal-Munxar li juru l-ħatra ta' Publiju bħala isqof ta' Malta (fuq) u l-fejqan ta' missier publiju (isfel). Fil-ġnub jidhru l-abbozzi ta' dawn il-kwadri. L-abbozz jinsabu f'kollezzjoni privata.**



credidervnt', li b'ilsienna jfisser 'Semgħu u Emmnu.'

Meta wieħed iħares lejn il-kwadru jieħu l-impressjoni li għad għandu xogħol xi jsir. Dan jista' jagħti l-każ peress li Dun Spir Gauci kien kontinwament jeżiġi mal-pittur Caruana Dingli sabiex jillesti l-kwadru fl-iqsar żmien possibbli. Infatti dan il-każ jirrakkontah l-iskultur Għawdxi Wistinu Camilleri, meta f'dik l-epoka ġie f'konverżazzjoni ma' l-artist Caruana Dingli u dan irrakkontalu dwar l-insistenza ta' Dun Spir, tant li ma ħalliehx jagħti l-aħħar irtokki lill-kwadru.[16]



*Appostlu* jaħtar *lil* Publju *bħala isqof u l-oħra turi l-fejqan ta' missier* Publju. *Dawn iż-żewġ pitturi, li jiddominaw il-ġnub tal-kor, saru minn Ramiro Raffaele* Calì (1881-1945), *iben il-pittur magħruf* Giuseppe Calì. *Il-pitturi tlestew fl-*1940. *Ramiro Calì għamel dawn iż-żewġ pitturi fl-aħħar snin ta' ħajtu, meta kien jinsab fiżikament debboli,*[18] *u għalhekk wieħed jinnota li l-pitturi ma laħqux il-livell għoli bħax-xogħol l-ieħor li għandu f*Għawdex.


L-istatwarju Wistin Camilleri

F'*dan il-każ, il-pittur ispira ruħu minn żewġ kwadri li jinsabu fżewġ knejjes ta' Malta sabiex jibni u jesegwixxi l-laterali tal-kor. Il-kwadri ta' Malta jinsabu fil-knisja ta'* San Publju, *il-*Floriana, *u ta'* San Pawl, *il-*Belt. Bejn *il-kwadri Maltin u dawk tal-kor tal-Munxar* hemm *xebħ speċjalment f'dawk li jiċċentraw fuq il-figura ta'* San Publju u San Pawl. F*il-każ tal-*Floriana *s-suġġett tal-kwadru*[19] *huwa meta Neofitu, konsagrat mir-Rażul l-Ewwel Isqof ta' Malta, neofita.* Filwaqt li dak ta' San Pawl tal-Belt,[20] jeżistu l-istess linji għalkemm hemm differenzi momentarji ta' l-istess ġrajja "... tal-laqgħa San Pawl radd dak il-fejqan."

Sorsi ddokumentati ma jipprovdux dettalji li għandhom x'jaqsmu dwar ħlasijiet lil Ramiro għall-pittura tal-Munxar. L-uniku tagħrif li jista' jagħmel referenza għal dawn ix-xogħlijiet jikkonsisti f'notament, u jinsab fir-reġistru tal-parroċċa u li jġib id-data tas-6 ta' Frar, 1940, fejn ċertu Debrincat tħallas għall-ġarr ta' pittura tal-ġnub minn Malta.[21]

## L-istatwa titulari

Il-figura mpittra ta' San Pawl hija riflessa wkoll fl-istatwa titulari tal-Munxar maħduma fil-kartapesta mill-istatwarju u skultur Għawdxi Wistinu Camilleri (1885-1979) fl-1932 u mbierka mill-Isqof Mikiel Gonzi fil-31 ta' Jannar, 1933. L-istatwa ttieħdet translazzjoni mill-knisja parrokkjali ta' Sannat għall-knisja filjali tal-Munxar fil-5 ta' Frar, 1933.[22]

L-idea ta' l-istil ta' l-istatwa kien urieha l-istess Isqof u li ssuġġerixxa li ssir fuq il-linji ta' l-istatwa titulari ta' San Pawl tal-belt Valletta. L-istatwa kompluta minn kollox inkluż l-isgraffjar qamet is-somma ta' £50.[23] Anke x-xogħol tal-basso-riljiev ta' madwar il-pedestal kif ukoll l-erba' puttini, wieħed fuq kull mensla tal-pedestal, huma xogħol ta' Wistinu Camilleri. Il-benefattur, Ġanni Saliba, ħallas £29 parti mill-ispejjez ta' l-istatwa.[24] Il-kumplament ta' l-ispejjeż jidher li tħallsu minn benefattur/i peress li r-reġistru tal-parroċċa ma jirreġistrax infiq għall-istatwa titulari. Kellhom jgħaddu tmintax-il sena oħra fl-10 ta' Frar, 1951,[25] sabiex l-istatwa setgħet toħroġ proċessjonalment minkejja li kien għad fadal sitt snin sabiex il-Munxar jinqata' parroċċa minn ta' Sannat. L-istatwa damet dawn is-snin kollha ġewwa peress li l-permessi ekkleżjastiċi meħtieġa kienu mizmuma.[26]

Ma teżistix informazzjoni li sar abbozz ta' l-istatwa. Dan ifisser li l-iskultur Wistinu Camilleri kellu fil-pussess ritratt ta' l-istatwa titulari tal-parroċċa ta' San Pawl tal-belt Valleta. Il-figura ta' San Pawl timxi fuq l-istess stil ta' l-iskultur Malti Melchiorre Cafà. Infatti l-istatwa kollha, inkluż il-pedestall u l-erba' puttini, wieħed fuq kull mensla tal-pedestall, huma identiċi għall-istatwa titulari ta' San Pawl tal-parroċċa fil-belt Valletta.

Kienet ħaġa naturali li jiġi inkarigat l-iskultur Wistinu Camilleri għal dan il-proġett. Fir-reġistru tal-parroċċa nsibu numru ta' kummissjonijiet li l-iskultur ġie inkarigat b'xogħlijiet għall-parroċċa tal-Munxar, kemm qabel il-proġett ta' l-istatwa titulari u kemm wara. Is-sena l-iżjed bikrija hija l-1927 meta għamel Kurċifiss fil-kartapesta[27] u jibqa' sejjer sa l-1944 meta ġie nkarigat b'xogħlijiet fuq l-istatwi ta' Ġesù Nazzarenu u San Ġużepp.[28] Barra minn dan, kienet tezisti ħbiberija kbira bejn Dun Spir Gauci u l-istatwarju Wistinu Camilleri.

---

**Hajr lil:**
Kappillan Dun Frankie Bajada (Munxar), Patri Eddie Camilleri SJ, Kav. Alfred Camilleri Cauchi, Kav. Paul Camilleri Cauchi, Mons. Ġużeppi Curmi, Arkivju Veskovili ta' Għawdex, Arkivju Parroċċa Munxar, Librerija Pubblika ta' Għawdex.

Nota ta' l-awtur: Dan l-artiklu jikkonsisti riċerka li ġiet eskluża minn kif oriġinarjament ġie ppubblikat bl-isem "St. Paul heralds festa season in Gozo" ippubblikat f'The Sunday Times tat-30 ta' Mejju 2004. Nirringrazzja lil Dun Giovanni Curmi għat-traduzzjoni fidila ta' l-artiklu oriġinali peress li ffrankali ħin prezzjuz u liema ħin stajt niddedikah għal riċerka ġdida ta' dan l-artiklu.

Noti:

[1] *Cassar Pullicino, Joseph:* Pauline Traditions in Malta *Sc. v.*9 *1943 p.25.*

[2] *Apap, Koli:* San Pawl u l-Għawdxin, *"il-Berqa" 28.7.1960 p.7. L-awtur jikkwota minn manuskritt li kien jinsab fil-pussess ta' Mons Luigi* Vella.

[3] *AEG* miscl *26.3.1913 u* ricorsi *24.4.1914 n.12.*

[4] *Saliba, Isabel et al:* Munxar – A typical Gozitan village; *Teżi mhix ippubblikata (*B.*Educ Hons.)* UM *2000 p.100.*

[5] *AEG* ricorsi 1.*10.1897 n.234.*

[6] *Luttrell, Anthony T:* Approaches to Medieval Malta *(London) p.65. Din il-ġebla tinsab priservata fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija ta' Għawdex. Ara wkoll Vella Apap, Nikol:* Ġrajjiet ix-Xlendi fl-Arkeoloġija *PM* 1986 *p.141.*

[7] *Zahra, Frans:* San Pawl-Tifkirietu; *suppliment 'artna' il-Mument* 5.2.1984 *p.IV.*

[8] *Anon:* Aktar Dati Importanti fl-Istorja tal-Katidral; *l-Għid ta' l-Assunta* 15.8.1968 *p.4.*

[9] *Intervista reġistrata. Ħajr lil Chev. Paul Camilleri Cauchi.*

[10] *Attard Hili, Aaron:* Robert Caruana Dingli's unrecorded paintings restored at Xagħra, *The Sunday Times* 7.*10.2001 p.44.*

[11] *Curmi, Ġużeppi (Mons.):* Twaqqif tal-Parroċċa (It-), *Id-Dawl n.2 p.10.*

[12] *A(rkivju) P(arrokkjali) M(unxar): Reġistru mingħajr isem. Notament datat* 14.2.1927 *p.*159r.

[13] Ibid. *p.142r.*

[14] Ibid. *p.*166.

[15] *Sammut, Felix (O.F.M. Conv):* Saint Paul in Malta, *Malta 2002 p.*18.

[16] *Tagħrif mehud mill-Kav. Alfred Camilleri Cauchi.*

[17] *Ħajr lill-pittur il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi.*

[18] *Flores, Davida:* Ramiro Raffaele Calì, *Teżi mhix ippubblikata (*B.*A. Hons.)* UM *2002 p.*61.

[19] *Gerardu, P (O.F.M. Cap),* San Publiju ta' Malta, *Malta* 1954 *p.*136.

[20] *Impitter mill-pittur Palermitan, Giuseppe* Velasquez. *Ara John Ciarlò (Kan):* The Hidden Gem, *Malta* 1993 *pp.*35 & 37.

[21] *APM.* Op. cit. 168r.

[22] Bezzina, *Joseph:* Parish Titular Statues in Gozo, *Serje Gaulitana* 5 *(Malta)* 1987 *p.*17.

[23] *Intervista reġistrata minn* Wistinu Camilleri. *Fl-istess reġistrazzjoni* Wistinu *jgħid li hu tħallas is-somma ta' £20 filwaqt li l-induratur, Ġuseppi* Farrugia *ta' l-Imdina tħallas is-somma ta' £30.*

*F'dan ir-rigward is-sorsi ma jaqblux. Fit-teżi tagħhom Isabel Saliba et al, op. cit. p.100 igħidu li ġiet tiswa s-somma ta' £40 filwaqt li Joseph* Bezzina *fil-ktieb tiegħu Parish Titular Statues in Gozo, serje Gaulitana* 5, 1987, *p.7 jikteb li qamet is-somma ta' £33.*

[24] *Lanfranco, Guido:* Istatwi Titulari (L-), *Malta* 1999 *p.*59.

[25] Bezzina, *Joseph:* Op. cit. *p.*17.

[26] Ibid.

[27] *APM.* Op. cit. *p.142r.*

[28] Ibid. *p.*170.





